C/2024/3633

4.6.2024

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2023/1532/PESK kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1605 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2023/1529 kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1604 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u għal gruppi u entitajiet armati fil-Lvant Nofsani u fir-reġjun tal-Baħar l-Aħmar

(C/2024/3633)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2023/1532/PESK ([1]) kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1605 ([2]) u fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2023/1529 ([3]) kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1604 ([4]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u għal gruppi u entitajiet armati fil-Lvant Nofsani u fir-reġjun tal-Baħar l-Aħmar.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li dawn il-persuni u l-entitajiet għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2023/1532/PESK u fir-Regolament (UE) Nru 2023/1529.

Qed tingħibed l-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati għall-possibbiltà li jressqu applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fis-siti elettroniċi fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 2023/1529, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 3a tar-Regolament).

Il-persuni u l-entitajiet u ikkonċernati jistgħu jibagħtu talba lill-Kunsill **qabel il-21 ta' Ġunju 2024,** flimkien mad-dokumentazzjoni ta' sostenn, biex id-deċiżjoni li jiġu inklużi fil-listi msemmija hawn fuq tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
Belgique/België
posta elettronika: sanctions@consilium.europa.eu

L-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati qed tingħibed ukoll għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafi, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 186, 25.7.2023, p. 20.
([2]) ĠU L, 2024/1605, 31.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1605/oj.
([3]) ĠU L 186, 25.7.2023, p. 1.
([4]) ĠU L, 2024/1604, 31.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1604/oj.